MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Talba Numru. 757/2006

**Talba Nru: 757/06PBC**

**Phone Direct Limited (C27107)**

**Vs**

**John Brownrigg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija u tlett liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm403.75c) konsistenti fi drittijiet dovuti lis-socjeta' attrici ghar-reklamar fir-rivista Phone Direct skond il-*booking order* datat 21 ta' Marzu, 2003. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 27 ta' Gunju, 2006 (Ittra Ufficjali 4078/06)

kif ukoll l-imghaxijiet relattivi mill-21 t'April, 2003 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-ammont rikjest mill-attur mhux dovut mill-konvenut stante li kien hemm ksur min-naha ta' l-attur ta' wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt maghmul bejn il-partijiet ghar-reklamar fir-rivista Phone Direct skond il-*booking order* datat 21 ta' Marzu, 2003 tant li qed issir Kontro-Talba tad-depozitu mhallas mill-konvenut fuq l-istess kuntratt, b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lilu fir-rigward. Bl-ispejjez inkluzi dawk tan-Nota ta' l-atti ta' l-Ittra Ufficjali numru 4078/06 liema Nota hija datata 17 ta' Lulju, 2006 kif ukoll bl-imghaxijiet relattivi mill-21 t'April, 2003 kontra l-attur ingunt in subizzjoni.

Ra l-Kontro-Talba tal-konvenut li talab li s-socjeta' attrici tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rapprezentanti depozitu mhallas mill-konvenut fuq kuntratt *booking order*, liema kuntratt inkiser mill-attur b'nuqqas ta' tharis ta' wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet imnizzla f'tali kuntratt u/jew miftehma bejn il-partijiet.

Ra li mill-atti s-socjeta' attrici qed tikkontesta l-Kontro-Talba ghalkemm ma pprezentatx Risposta formali.

Sema' x-xhieda ta' Mary Gladys Brownrigg, Raymond Galea u ta' Richard Azzopardi.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Claude Anne Zammit ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Deborah Attard ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi fil-21 ta' Marzu, 2003 sar ftehim bejn is-socjeta' attrici u bejn il-konvenut ezercenti l-kummerc taht l-isem Debbies Baby Centre sabiex is-socjeta' attrici taghmel reklam ta' Debbies Baby Centre fir-rivista Hope and Dreams 2003 li kienet ser tohrog f'Lulju/Awissu u li din ir-rivista titqassam bieb bieb fiz-zona numru 2 li hija z-zona fejn hemm il-hanut tal-konvenut.

Ghal dan is-servizz il-partijiet ftehmu li r-reklam ikun jiswa erba' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm495) li mieghu kien hemm tletin lira Maltin (Lm30) ohra ghal *artwork / disk charges* u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm78.75c) VAT, cjoe' total ta' sitt mija u tlett liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm603.75c). Mal-ftehim il-konvenut hallas depozitu ta' mitejn lira Maltin (Lm200) biex b'hekk baqa' bilanc ta' erba' mija u tlett liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm403.75c) li huwa proprju l-ammont mitlub f'din il-kawza. Skond dan il-ftehim, il-magazine kellu johrog f'Lulju/Awissu u kellu jitqassam bieb bieb.

Jirrizulta illi sussegwentement ghal dan il-ftehim is-socjeta' attrici bidlet is-sistema ta' distribuzzjoni biex flok qassmet ix-xoghol f'zoni, b'magazine differenti ghal kull zona, ghamlet arrangamenti mal-gazzetti principali biex il-magazine jitqassam ma' dawn il-gazzetti f'gurnata ta' nhar ta' Hadd b'dan illi l-magazine ikun l-istess ghaz-zoni kollha. B'hekk, min ikun ghamel reklam fuq dan il-magazine, jkun qed ikollu *exposure* mhux ghal zona wahda izda ghaz-zoni kollha ta' Malta u Ghawdex pero' fl-istess hin, il-magazine kien qed jigi distribwit biss lil dawk li jixtru gazzetta.

Jirrizulta mill-provi esebiti illi l-magazine, li kopja tieghu jinsab esebit, hareg f'Dicembru 2003 u mhux fiz-zmien indikat fil-ftehim. Il-konvenut qed isostni illi s-socjeta' attrici ma zammitx mal-ftehim milhuq bejniethom principalment minhabba l-fatt illi l-magazine kellu jitqassam bieb bieb u effettivament dan ma sarx u ghalhekk isostni illi galadarba s-socjeta' attrici ma zammitx ma' dak pattwit bejniethom, huwa ma kien obbligat ihallas xejn, anzi qed jargumenta li ghandu dritt jiehu lura d-depozitu ta' mitejn lira Maltin (Lm200).

Is-socjeta' attrici da parti taghha tghid illi qabel ma tqassam il-magazine kif fuq inghad, hija baghtet rapprezentant fil-hanut tal-konvenut u nfurmatu li s-sistema tad-distribuzzjoni kienet tbiddlet u staqsiet lill-

individwu jekk kienx sodisfatt b'dan il-bdil u ghalkemm kien hemm naqra tat-tgergir, il-konvenut kien accetta.

Da parti taghhom il-konvenuti, partikolarment mart il-konvenut issostni illi hija ma kienetx infurmata li kienet ser tinbidel is-sistema ta' distribuzzjoni u saret taf b'din il-bidla fis-sistema fi stadju ulterjuri u meta saret taf, u ntalbet biex thallas ta' l-*advert*, hija nsistiet li mhux talli ma kellhiex thallas izda talli kellha d-dritt tiehu *refund* tad-depozitu mhallas.

Il-piz tal-prova ta' l-accettazzjoni tal-konvenut f'din il-bidla ta' distribuzzjoni tispetta lis-socjeta' attrici. Certament hemm kunflitt fil-provi fuq dan il-punt u mix-xhieda prodotta t-Tribunal huwa propens jaccetta l-verzjoni tax-xhieda moghtija minn mart il-konvenut. It-Tribunal jemmen li Richard Azzopardi verament mar fil-hanut tal-konvenut meta kienet inbiddlet is-sistema ta' distribuzzjoni izda jidher ovvju li jekk huwa tkellem ma' min kien fil-hanut li s-sistema ta' distribuzzjoni kienet ser tinbidel, il-messagg ma nftiehemx min-naha tal-konvenut. Kien jispetta lis-socjeta' attrici biex taccerta li l-bidla giet accettata u bhalma ghamlet meta hadet l-ordni fil-bidu, messha ottjeniet dokument iffirmat mill-konvenut jew martu li din il-bidla giet accettata ghax b'hekk kien jigi eliminat kull ekwivoku.

Stante dan il-kunflitt fil-provi u in mankanza ta' prova aktar konkreta, t-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jikkonkludi illi ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li bejn il-partijiet sar ftehim li tinbidel is-sistema ta' distribuzzjoni.

Illi inoltre, t-Tribunal izid illi s-socjeta' attrici wkoll naqset milli tadempixxi l-obbligi kuntrattwali minnha pattwiti billi l-magazine ma harigx fiz-zmien li gie ndikat fil-*booking order* izda sar hafna xhur wara. Huwa ta' relevanza illi fil-*booking order* hemm indikat illi kieku l-konvenut ghamel ir-reklam f'Dicembru flok fiz-zmien li ried hu, r-reklam kien jiswih mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm165) anqas.

Illi b'danakollu, t-Tribunal ma jhossx li ghandu jghaddi biex jichad it-talba attrici u dan billi jirrizulta pruvat illi l-

konvenut ha beneficcju ta’ reklamar ghalkemm mhux ezattament fil-forma minnu mixtieq. Huwa evidenti illi bil-firxa tal-magazine billi tqassam mal-gazzetti kollha lokali kien hemm distribuzzjoni akbar ta’ dan il-magazine u *exposure* akbar ghall-konvenut izda mill-banda l-ohra jidher car illi l-konvenut ried ir-reklam ikun specifiku ghad-distrett tieghu u ghalhekk huwa ried li r-reklam tieghu jkun *location specific* u mhux mifrug mal-pajjiz kollu. F’dan ir-rigward ghalhekk wiehed gustament jista’ anki jikkonkludi illi l-konvenut, ghalkemm ha certu beneficcju, dan ma kienx il-beneficcju li xtaq hu billi huwa ried li r-reklam ikun fil-lokal tieghu biss.

Illi dan it-Tribunal huwa marbut li jiddeciedi l-kazijiet li jidhru quddiemu principalment fuq bazi ta’ ekwita’ u huwa proprju fuq din il-bazi li qed jiddeciedi din il-kawza tenut kont dak kollu premess u tenut kont ukoll illi kulhadd haqqu jithallas ta’ xoghlu u tas-servizz minnu moghti.

Illi fuq din il-bazi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi t-talba attrici jisthoqq li tigi milqugha ghalkemm mhux fil-livell li xtaq l-attur meta pprezenta t-talba tieghu.

Minn ezami tal-*booking order* jirrizulta illi kieku r-reklam sar kif pattwit il-prezz kien ta’ hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm525), izda tenut kont illi r-reklam ma sarx f’Lulju/Awissu kif miftiehem izda sar f’Dicembru u kieku r-reklam gie miftiehem ghal Dicembru l-konvenut kien jinghata skont ta’ mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm165), u tenut kont ukoll tal-fatt illi d-distribuzzjoni ma kienetx bieb bieb kif miftiehem, it-Tribunal ihoss illi ghandu jkun hemm skont ta’ mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225) mis-somma ta’ hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm525). Illi ghalhekk, tlett mitt lira Maltin (Lm300) + tmintax fil-mija (18%) VAT iggib is-somma ta’ tlett mija w erbgha u hamsin lira Maltin (Lm354). Minn din is-somma l-konvenut ga hallas mitejn lira Maltin (Lm200) biex b’hekk baqa’ bilanc ta’ mija w erbgha u hamsin lira Maltin (Lm154). Huwa dan l-ammont li l-konvenut sejjer jigi kkundannat ihallas.

Minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal ihoss illi kulhadd ghandu jbati l-ispejjez tieghu u l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza talli huwa proprju permezz ta’ din is-sentenza li l-ammont qieghed jigi llikwidat u dan mhux fuq bazi tat-talba kif dedotta izda fuq bazi ta’ ekwita’ kif fuq stabbilit f’din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad il-Kontro-Talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija w erbgha u hamsin lira Maltin (Lm154) bl-interessi b’effett mid-data ta’ din is-sentenza. L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------